MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 529/2013

**Il-Pulizija
Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Pietro Cavarra, iben Giuseppe Cavarra u Grazia nee' Schifo, imwieled Modica, Sqallija, nhar it-23 ta' Ottubru, 1985, residenti Via Giovanni Falcone, No 2, Rosolini (RG), karta tal-identita' Taljana Numru AR6591502;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Pietro Cavarra** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Ottubru, 2013, u matul l-ahhar jiem qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat mal-prezentata b'arrest, u dan wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq sabiex jerga' jasheb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Pietro Cavarra** hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li Rat Reg 9 tal-GN 292/1939: LS 101.02; u kif ukoll l-Artikoli 22(2) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi l-Qorti fehmet lill-hati l-konsegwenzi tal-ksur tal-istess.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita mill-Ispettur Pierre Grech fl-istess seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------